**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 12**

**Avviz. numru 376/99JR**

**Emmanuele Agius f'ismi proprju u f'isem is-sidien tal-fond 16 St. Charles Street, Valletta, u b'degriet tal-14 ta' Lulju, 1999, l-isem at' l-attur gie mibdul f'Emanuel Agius, Maria mart Martin Borg, Charles Agius, Emilia mart Anthony Sant, Spiridione, Raymond u Charles ahwa Pizzuto u l-istess Emanuel Agius bhala mandatarju ta' hutu msiefrin Michael, Joseph, George u John**

**vs**

**Salvatore u Doris konjugi Camoin**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Marzu, 1999, fejn intalab il-hlas ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15.00) kera tal-parti t'isfel tal-fond 16 St. Charles Street, Valletta mill-1 ta' Frar, 1999 sat-30 ta' April, 1999, liema kera tithallas bil-quddiem;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' Frar, 1999, u l-konvenuti mharrkin in subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fid-29 ta' Settembru, 1999, fejn gie eccepit:**

- **i.** **il linea preliminary il-karenza ta' interess tal-atturi Maria mart Martin Borg u ta' Emilia mart Anthony Sant fil-proceduri odjerni;**
- **ii.** **Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, it-talba tal-atturi hija kontestata ghaliex il-konvenuti jikru l-intier tal-fond 16 St. Charles Street, Valletta, mhux parti minnhu, kif allegat fl-avviz tat-talba;**
- **iii.** **Bla pregudizzju ghall-premess, ukoll fil-mertu, it-talba tal-atturi ghandha tkun respinta billi qabel giet intavolata din il-kawza, il-konvenuti hallsu lill-attrici Maria mart Martin Borg il-kera tal-fond de quo ghall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Frar, 1999 u l-31 ta' Lulju, 1999 u ghall dan il-hlas l-istess Maria Borg harget ricevuta;**
- **iv.** **Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**It-Tribunal sussegwentement ghadda biex jisma xhieda dwar l-ewwel eccezzjoni.**

**Ra l-verbal tas-26 ta' Settembru, 2000, li fih:**

i. **il-konvenuti talbu provvediment mit-Tribunal dwar in-natura tat-tieni eccezzjoni u cioe jekk kif dedotta u kontestat din il-kawza tezorbitax mill-kompetenza tat-Tribunal.**

ii. **L-atturi da parti taghhom issottomettew illi l-ewwel talba saret ghall-parti t'isfel tal-fond in kwistjoni, u illi t-Tribunal ma jistghax f'dan l-istadju jaccetta eccezzjoni frivola u vessatorja intiza biss biex ittawwal il-proceduri, kif ukoll li s'issa il-konvenut ma gab ebda prova rigward l-allegata eccezzjoni tieghu, u ghalhekk il-konvenuti talbu lit-Tribunal li jekk jaccetta t-talba tal-konvenuti kif dedotta llum, jaghti terminu lill-istess konvenut biex jiddeduci l-pretensjoni tieghu.**

iii. **Il-konevnuti wiegbu li fl-ewwel lok il-vessatorjeta` o meno tad-difisa tal-konvenuti hija meritu tal-kawza li trid tigi deciza fuq il-provi li jingiebu wara li tigi risolta il-problema tal-kompetenza, u li l-eccezzjoni in kwistjoni inghatat fil-bidu nett ta' dawn il-proceduri u mhux b'sorpriza fi stadju avanzat tal-kawza, kif ukoll li dak li qed jintalab mill-attur huwa legalment insostenibbli.**

**iv. L-atturi issottomettew ukoll li t-talbiet taghhom huma proceduralment korretti u t-Tribunal huwa marbut li jaghti terminu lill-konvenut biex jiddeduci il-pretensjoni tieghu.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi dan id-degriet huwa limitat ghall-punt dwar jekk it-Tribunal ghandux kompetenza jew le fil-kawza odjerna.**
2. **Il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15.00) kera tal-parti t'isfel tal-fond 16 St. Charles Street, Valletta mill-1 ta' Frar, 1999 sat-30 ta' April, 1999.**
3. **Il-konvenut eccepixxa li l-konvenuti jikru l-intier tal-fond 16 St. Charles Street, Valletta, mhux parti minnhu.**
4. **Dana necessarjament ifisser li l-pronunzjament finali ta' dan it-Tribunal, bit-talba u eccezzjonijiet kif impostati mhux ser ikun biss dwar jekk ghandux jithallas l-ammont pretiz izda ukoll jekk dan hux ghall-fond intier jew ghall-parti minnhu, cioe` t-talba li tkun qed tigi deciza ma tkun aktar semplicement ghall-hlas ta' flus, izda dwar titolu jew nuqqas ta' titolu fuq immobbli, haga li definittivament ma jistghax jaghmel it-Tribunal ghaliex jezorbita mil-kompetenza tieghu.**
5. **Mill-lat l-iehor, il-konvenut ma jistghax jaghti eccezzjoni tali b'mod li jwaqqaf il-proceduri odjerni. Irid jigi stabbilit ghalhekk jekk fil-fatt il-fond li jinkera lill-konvenut huwiex tassew l-intier.**

**Sa issa ma jirrizultax li l-konvenut qatt ressaq xi azzjoni dwar dan il-punt quddiem il-Qorti kompetenti.**

6. **Ghall dan il-ghan it-Tribunal qed jakkorda lill-konvenuti terminu ta' xahar f'liema jressqu l-pretensjoni taghhom quddiem it-Tribunal kompetenti, jiddifferixxi l-kawza sine die proponibbli bir-rikors opportun minn xi parti**

   i. **wara li tigi finalment deciza mit-Tribunal kompetenti l-kawza li ghandu jipproponi l-konvenut fiz-zmien lilhu prefiss,**

   ii. **jew f'kaz li l-konvenut jaghzel li hekk ma jaghmilx appena jiskadi dak it-terminu inutilment.**

**Ghall kull bon fini il-provvedimenti dwar id-dezerzjoni tal-kawzi ma ghandhomx jiddekorru. Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**